Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/61*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 61 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu, 2013 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-60

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-61 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 4. Tmiem tas-Sitt Leġislatura

Din hija l-aħħar laqgħa tas-Sitt Liġislatura tal-Kunsill Lokali L-Għasri. Is-Sindku irringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill u anke lill-ħaddiema tal-koperazzjoni tagħhom matul l-aħħar ħames snin ta' ħidma għal ġid tar-raħal tagħna. Is-Sindku feraħ lill-membri preżenti li reġgħu ikkontestaw l-elezjoni tal-Kunsilli Lokali tad-9 ta' Marzu li għadda u għal darb'oħra ġew eletti biex ikomplu jaħdmu flimkien ma' membri ġodda li ser ikunu jiffurmaw parti mill-Kunsill il-ġdid. Il-Kunsillier Renance Vella Aquilina ingħaqdet mas-Sindku u ferħet lill-membri l-oħra li ġew eletti biex iservu fis-seba' liġislatura ta' dan il-Kunsill.

Minn naħa tagħhom il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff, l-Kunsillier Frank Formosa u l-Kunsillier Joseph Farrugia irringrazzjaw lis-Sindku Andrew Vella u lill-Kunsilliera

Renance Vella Aquilina għas-servizz siewi tagħhom tul dawn il-ħames snin li għaddew. Is-Sindku u l-Kunsilliera Vella Aquilina ma ikkontestawx din l-elezzjoni u għalhekk il-kariga tagħhom f'dan il-Kunsill tintemm fl-aħħar ta' dan ix-xahar.

Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha irringrazzjaw lis-Sindku Andrew Vella tal-koperazzjoni li dejjem sabu minn għandu u għal mod tajjeb kif mexxa lil dan il-Kunsill.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m. Għalhekk din is-sitt leġislatura ġiet fit-tmiem tagħha għalkemm uffiċċjalment tibqa' tiffunzjona sal-aħħar ta' Marzu 2013.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv